# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

### *Laqgħa numru 54*

***6.15p.m 8 ta' Mejju 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Noel Scerri -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *54.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

54.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet familjari. Il-Membri preżenti aċċettaw li l-Viċi Sindku jkun eżenti mill-laqgħa.

## *54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

54.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 53 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

54.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Membri tal-Kunsill dwar l-aħħar zviluppi tal-proġett ta' Ġnien Belvedere. Hawnhekk is-Sindku beda' jaqra l-kontenut tal-kuntratt li ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Departiment ta' Ambjent Malta. Is-Sindku spjega fid-dettal l-obbligi min naħa ta' Ambjent Malta kif ukoll l-obbligi li ser ikollu l-Kunsill li bejn wieħed u l-ieħor ilaħħqu s-somma ta' €100,000, somma li ser tkun allokata mill-fondi tal-UIF u qatt mhu ser ikun mittiefes il-budget tal-Kunsill peres li hija somma konsiderevoli u li l-Kunsill ma jistgħax jidħol għaliha jekk ma jkollux il-fondi tal-UIF approvati. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet relatati ma dan il-kuntratt li ser jiġi ffirmat f'dawn il-ġranet. Ħadd mill-Membri preżenti ma saqsa għal iktar informazzjoni, għaldaqstant dawk preżenti qablu li dan il-kuntratt għandhu jiġi ffirmat. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Is-Sindku talab sabiex kopja ta' dan il-kuntratt jiġi anness mall-Minuti.

54.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal ukoll li l-izvilupp ta' Ġnien Spencer mill-fondi tal-ERA ser ikun proġrett importanti għad-dehra mill-ġdid tal-ġnien. Madankollu, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel tajjeb għall-maintenance tal-post li jkun sar jekk kemm il-darba Ambjent Malta ma tkunx sa tidħol bi sħab mall-Kunsill biex ikun jista' jsir manteniment ta' dan il-proġett wara li jitlesta.

## *53.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

54.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li tmien studenti mill-iskola Primarja San Ġorġ Preca tal-Marsa rrappreżentaw il-Kunsill Lokali f'kompetizzjoni tar-Robotika fi proġett interessanti dwar it-tniġġiż mid-dawl. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill jistgħax jawguralhom

għal dan ir-riżultat. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel ma din il-proposta. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

54.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 05/2019 annessa u li ġiet iċċirkolata min qabel. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *54.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

54.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Muzikali Trinita' Qaddisa qed issaqsi l-Kunsill Lokali jekk hux interessat jirreklama fil-ktieb tal-Festa li l-prezz tiegħu huwa ta' €250. Il-kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.7 Financial Commitement Report January – March 2019*

54.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert jgħati rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali għall-ewwel tlett xhur tas-sena 2019. Matul l-ewwel kwart tas-sena rajna li l-Kunsill rreġistra deċifit marġinali ta' madwar €23,500 hekk kif l-infieq issupera bi ftit id-dħul li rreġistra l-Kunsill. Madanakollu, l-finanzi tal-Kunsill huma b'saħħithom hekk kif il-cash and cash equivalents matul l-istess perjodu kienu ta' €212,501 li tindika li hemm likwidita' fil-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku ressaq d-dokument fuq il-mejda tal-kamra għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *54.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

54.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal-5 ta' Ġunju fis-6.15pm. Qabel l-aġġornament is-Sindku s-Sur Francis Debono rringrazzja l-Kunsilliera kollha għall-ħidma li wettqu matul din il-leġislatura u awgura lill-kandidati kull suċċess.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 5 ta' Ġunju, 2019